




# Xiri Onlajn



Kemm huwa sigur li tixtri prodotti onlajn minn Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea?

Mhux l-ewwel darba li persuna tkun tixtieq tixtri prodotti onlajn sabiex tibbenefika mill-ħafna offerti li joffri x-xiri onlajn. Madankollu ħafna joqgħodu lura milli jagħmlu hekk għax jibżgħu li l-bejjiegħ ma jkunx affidabbli.

Skont stħarriġ ta' 305 xirja li saru onlajn li investiga s-sigurtà f'każijiet ta' xiri ta' prodotti onlajn minn pajjiżi oħra fl-UE, jirriżulta li:

- 94% tal-prodotti waslu għand il-konsumatur mingħajr problemi ta' xejn;
- 1% biss tal-prodotti kienu difettużi jew differenti minn dak li ordnaw ix-xerrejja;
- Meta x-xerrejja rritornaw il-prodott tagħhom fil-perjodu ta' cooling-off, 90% ġew mogħtija lura l-ammont eżatt li kien jiswa l-prodott. Kien hemm xi każijiet fejn il-bejjiegħa għamlu restrizzjonijiet illegali billi qalu lill-konsumatur li ma kellux id-dritt li jirritorna l-prodott;
- 60% tas-siti elettroniċi ma kienux addattati għal xiri onlajn.

John Dalli, il-Kummissariju Ewropew għas-Saħħa u l-Konsumatur, saħaq fuq l-importanza li l-konsumaturi jħossuhom siguri meta jixtru onlajn minn pajjiż ieħor tal-UE, għalhekk il-bejjiegħa għandhom jiffaċilitaw il-kumpens tax-xiri onlajn jekk xi ħaġa tmur ħażin. Qal ukoll illi għad hemm restrizzjonijiet li jillimitaw l-għażla tal-konsumaturi u li m'hemmx biżżejjed kunfidenza fis-Suq Ewlieni. Għalhekk il-Kummissjoni Ewropea għandha toħroġ bi pjan ta' azzjoni sal-aħħar ta' din is-sena dwar kif tista' tgħin aktar lill-konsumatur biex ikun jista' jibbenefika bi sħiħ mill-opportunitajiet tal-ecommerce.

Malta-EU Steering
& Action Committee

280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Telefown: 2200 3300
Email:info.meusac@gov.mt
Websajt: www.meusac.gov.mt